

31986D0559

L 328/98

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

22.11.1986

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-15 Settembru 1986****dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward l-agrikoltura u s-sajd**

(86/559/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi huwa neċessarju li jiġi approvat il-Ftehim fil-forma ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward l-agrikoltura u s-sajd, biex titqies l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika tal-Portugall fil-Komunità,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-ftehim fil-forma ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward l-agrikoltura u s-sajd qiegħed b'hekk jiġi approvat għan-nom tal-Komunità.

It-testi tal-Bdil ta' Ittri qed jinthemżu ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed b'hekk jiġi awtorizzat biex jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa tiffirma l-Ftehim biex torbot lill-Komunità.

Magħmul fi Brussel, 15 Settembru 1986.

*Għall-Kunsill**Il-President*

G. HOWE